

31991R0442

27.2.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 52/11

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 442/91
tal-25 ta' Frar 1991
dwar il-klassifikazzjoni ta' xi oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽¹⁾ dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u t-Tariffa Doganali Komuni, kif emendati l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 53/91 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9,

Billi biex ikun hemm applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, hu meħtieġ li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli jgħoddu wkoll għal kull nomenklatura oħra li kollha kemm hi jew parti minnha tkun bażata fuqu jew li żżid magħha xi subdiviżjonijiet addizzjonali oħra u li tkun stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet speċifiċi Komunitarji, bil-ħsieb li jkunu applikati miżuri dwar tariffi u oħrajn li jkollhom x'jaqsmu ma' kummerċ f'oġġetti:

Billi, skond ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża mar-Regolament preżenti għandhom ikunu

klassifikati taħt il-kodiċijiet xierqa tan-NM indikati fil-kolonna 2, permezz tar-raġunijiet preskritti fil-kolonna 3;

Billi l-Kumitat tan-nomenklatura ma tax l-opinjoni tiegħu fil-perjodu ta' żmien stabbilit mill-president tiegħu, fir-rigward tal-prodotti Nri 1 u 4 fit-tabella annessa;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għan-nomenklatura fir-rigward tal-prodotti Nri 2, 3 u 5 fit-tabella annessa,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa issa huma klassifikati fin-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fil-25 ta' Frar 1991.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni


⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 7, ta' l-10.1.1991, p. 14.


ANNEX

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifikazzjoni tal-kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Injam tond koniferu, maqtuġh f'dijametru kostanti matulu kollu, maqtuġh kontra l-vina, b'tarf wieħed bil-ponta, tat-tip użat fit-tisbiħ ta' ġonna, għall-bini ta' stekkat tal-ġonna, postijiet fil-maġhluq, ilquġh, eċċ.	4407 10 99	Il-klassifikazzjoni hi determinata mid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 sa 6 dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura maġhquda, kif ukoll mit-testi tal-kodiċijiet 4407, 4407 10 u 4407 10 99 tan-NM. L-oġġetti ma jistgħux jiġu klassifikati taħt l-intestaturi 4403 jew 4404, għaliex ikunu ġew maqtuġha; 4409, għax mhux maqtuġhin profil; 4421, darba li mhumix maħduma biżżejjed.
2. Għenuq ta' <i>pallets</i> li jingħalqu maġhmula minn erba' biċċiet injam (2 × 2 biċċiet ta' l-istess tul) biċ-ċappetti fit-truf li jiffurmaw qafas li jitpoġġa fuq l-istess <i>pallet</i> . (ara r-ritratt, każ Nru 2) ⁽¹⁾	4421 90 99	Il-klassifikazzjoni hi determinata mid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 sa 6 dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura maġhquda, kif ukoll mit-testi tal-kodiċijiet 4421, 4421 90 u 4421 90 99 tan-NM. L-oġġetti għandhom jitqiesu bħala partijiet ta' <i>pallet</i> li ma tistax tiġi klassifikata fl-intestatura 4415 (ara n-noti ta' spjega tas-Sistema Armonizzata ta' l-intestaturi 4415, taqsima III u 4421, paragrafu 2).
3. Oġġetti f'għamla ta' kuruna maġhmula minn qasab taż-żafżafa, parzjalment imżejna bi fjuri artifiċjali, weraq artifiċjali, kurdicelli, figuri żgħar ta' annimali (bħala farfett u fellus). (Bħala eżempju ara r-ritratt tal-każ Nru 3) ⁽¹⁾	4602 10 91	Il-klassifikazzjoni hi determinata mid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1, 3b u 6 dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura maġhquda, min-nota 1 tal-kapitolu 6 kif ukoll mit-testi tal-kodiċijiet 4602, 4602 10 u 4602 10 91 tan-NM. Il-karattru essenzjali ta' dawn l-oġġetti jingħata miż-żafżaf minsuġ.
4. Trasmittenti-riċevituri tar-radjo li jistgħu jingħarru, tat-tip <i>walkie-talkie</i> , tal-plastik, kemm jekk b'sistema ta' <i>morse</i> kemm jekk le, bi ħruġ ta' potenza massima ta' mhux aktar minn 5 <i>milliwatts</i> ERP (potenza irradjata effettiva), li jaħdmu bil-batteriji, li ma jkunx fihom soppressuri għall-ħoss, seletturi ta' kanali jew <i>voltmeters</i> .	9503 90 31	Il-klassifikazzjoni hi determinata mid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 sa 6 dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura maġhquda, kif ukoll mit-testi tal-kodiċijiet 9503, 9503 90, u 9503 90 00 tan-NM. Dawn l-apparati ma jistgħux jiġu klassifikati taħt il-kodiċi 8525 20 90 tan-NM għax m'għandhomx ħruġ ta' potenza ta' aktar minn 5 <i>milliwatts</i> ERP u ma jkunx fihom soppressuri għall-ħoss, seletturi ta' kanali jew <i>voltmeters</i> , għandhom ikunu klassifikati bħala ġugarelli
5. Oġġetti f'għamla ta' bejta ta' l-għasafar maġhmula minn qasab taż-żafżaf innuklat, imżejna b'sitt iflieles, fjuri artifiċjali u weraq artifiċjali. (Ara l-każ tar-ritratt Nru 5) ⁽¹⁾	9505 90 00	Il-klassifikazzjoni hi determinata mid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 sa 6 dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura maġhquda, kif ukoll mit-testi tal-kodiċijiet 9505, 9505 90 u 9505 90 00 tan-NM, għax tikkonsisti f'oġġett għat-tiżjin; il-presenza ta' flieles taġhmel ċara r-rabta mal-festi ta' l-Għid.


⁽¹⁾ Ir-ritratti qegħdin strettament għall-informazzjoni.



Ritratt tal-każ Nru 2 Ritratt



Bħala eżempju, tal-każ Nru 3



Ritratt tal-każ Nru 5